newsbook
.com.mt

LOKALI

# Azzjonijiet industrijali fl-Università u l-Junior College

*Jesmar Baldacchino - 04/07/14 06:46 PM*



L-MUT u l-UMASA sostnew li l-proposti li rċevew għall-ftehim kollettiv il-ġdid mhumiex aċċettabbli għaliex huma inqas minn dak mistenni u inqas miż-żieda li ngħatat lil entitajiet pubbliċi oħra. Għalhekk iż-żewġ unjins ordnaw azzjonijiet industrijali fl-Università ta' Malta u l-Junior College.

Il-Gvern mistenni li jressaq pakkett rivedut nhar il-Erbgħa 9 ta' Lulju.

**Reazzjoni KSU**

Dwar dawn l-azzjonijiet industrijali, l-KSU qal li issa l-għalliema mhux se joħorġu r-riżultati tal-eżamijiet.

Dan meta l-Kunsill ingħata garanzija mill-Ministru għall-Edukazzjoni Evarist Bartolo li kien se jintlaħaq ftehim maż-żewġ unjins.

Il-KSU qed isostni li f'din il-kwistjoni m'għandhomx ibagħtu l-istudenti billi jittapnu d-drittijiet.

Dan għaliex jekk ma jiġux ippubblikati r-riżultati tal-eżamijiet se jiġu affettwati l-istudenti, speċjalment dawk li ma jkunux għaddew, dawk li jridu jkomplu jistudjaw barra minn Malta u dawk li jridu jipparteċipaw fl-Erasmus+.

0 Comments Newsbook Login

Sort by Best Share Favorite

Start the discussion...

Like

You Might Also Like



Ritratti: Periklu f'nofs tat-triq minħabba l-armar tal-festa
163 people like this.



Filmat: Is-Sorijiet f'Ħal Tarxien jitolbu l-għajnuna wara li n-nar qerdilhom il-kunvent
242 people like this.

Subscribe Add Disqus to your site